Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 256/2015

Il-Pulizija

Spettur Ian J. Abdilla

Vs

Anthony Bezzina

Illum, 22 ta' Settembru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Bezzina detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 655852 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

a. Bejn l-1 u t-12 ta' Mejju 2003, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqal, tama' jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' LM580.00 għad-dannu ta' l-istabiliment Ray's Jewellers u ta' Raymond Lanzon, u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. U aktar talli bejn l-1 u l-11 t'April 2003, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex

iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' LM418.50 għad-dannu ta' l-istabiliment S. Rausi Trading Ltd, u ta' Stephen Rausi, u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c. U aktar talli bejn l-1 u l-15 ta' Mejju 2003, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' LM200.00 għad-dannu ta' l-istabiliment Dolce Freschi, u ta' Joseph Micallef, u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. U aktar talli bejn l-1 u t-18 ta' Mejju 2003, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq
ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' LM180.00 għad-dannu ta' l-istabiliment Lorry Farrugia Wines & Spirits, u ta' Lawrence Farrugia, u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e. U aktar talli, fl-istess data, lok u ħin, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeg misruqa, jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor li kien, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom liema oġġetti ġejjin mir-reat ta' serq, u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U b'hekk Anthony Bezzina, sar reċidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell datati 16 ta' Lulju 1992 u 2 ta' Frar 1996, u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datati 16 ta' Settembru 1999, 21 ta' Frar 2000 u 16 ta' Lulju 2001, liema sentenzi saru definitivi u ma jistgħux jiġi mibdula;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f' każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta..

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-13 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti sabet sabet lill-imputat Anthony Bezzina ħati tal-akkużi u kkundannatu sentejn priġunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Richmond Tong, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkanċella s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija jew tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn il-Qortisabet ħtija u tħassara f' dik il-parti fejn erogat il-piena ta' priġunerija u minflok tikkundanna lill-appellant piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u fis-sempliċita tiegħu jikkonsistu f' dan li ġej:

Illi l-pulizija naqsu li jippruvaw li l-appellant kellu ix-xjenza li dawn iċ-ċekkijiet kienu misruqa u li huwa kellu x-xjenza li jiffroda. Tant huwa hekk li meta kellmuh il-pulizija huwa ried iħallas lill-allegati vittmi dak li kien dovut lilhom bil-flus li kellu dak il-ħin.

Illi mingħajr preġudizzju għal dan, l-piena erogata minn l-ewwel Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kienet waħda eċċessiva u esaġerata u dan minħabba ir-raġunijiet li ġejjin;

Illi l-appellant dejjem kien lest li jħallas lill allegati vittmi. Di piu huwa stess kien awtorizza lill-istess Spettur investigattiv sabiex jħallas bil-flus li huwa kien sab u żamm minn fuq l-istess akkużat. Li kieku għamel hekk, din il-kwistjoni kienet tkun kważi sorvolata kompletament.

Ikkunsidrat,

L-appellanti iressaq il-kritika tieghu fil-konfront tad-decizjoni impunjata billi jilmenta illi sar apprezzament zbaljat tal-provi li kien hemm fl-atti meta jishaq illi ma kienx hemm prova illi huwa kellu x-xjenza mehtiega fil-ligi sabiex jissussisti r-reat tal-frodi u dan ghaliex meta hallas lill-allegati vittmi ta' dan ir-reat permezz ta' cekkijiet l-intenzjoni tieghu kienet illi dawn jigu onorati. Jilmenta ukoll illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva tenut kont tal-fatt illi huwa diga radd lura il-bicca l-kbira tal-flus mehuda indebitament.

Premessi dawn l-impunjattiva mressqa 'il quddiem mill-appellanti, huwa evidenti illi dak li fl-ewwel lok qed tigi imsejjha biex taghmel dina l-qorti ta' revizjoni huwa li tissindika dik id-diskrezzjoni fdata lill-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni li hija ghandha taghmel tal-provi. Qajla ghandha ghalfejn din il-Qorti terga' ittenni illi tali diskrezzjoni ghandha tigi iddisturbata biss fejn jista jigi riskontrat errur gravi ta' gudizzju fid-decizjoni impunjata li tista' twassal ghal ingustizzja fil-konfront tal-persuna akkuzata. Dan l-element guridiku gie affermat *funditus* u kemm il-darba mill-qrati fi stadju ta' revizjoni. Illi wara ezami akkurat

ta'l-atti, din il-Qorti minghajr tlaqliq issostni illi ma tara l-ebda difett fl-apprezzament maghmul meta l-Ewwel Qorti fid-decizjoni ghaqlija milhuqa minnha evalwat l-atti probatorji li kellha quddiemha u ghazlet li ma taghtix affidament lix-xhieda tal-imputat meta huwa ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda sabiex jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti.

Illi mill-atti jemergi illi l-akkuzi li qed jiffaccja l-appellanti iduru madwar erba okkazjonijiet fejn huwa ghamel pagament ghal xi merkanzija mixtrija minnu permezz ta' cekkijiet. Jidher illi fi tlett okkazzjonijiet dawn inharrgu minn kont bankarju intestat f'ismu li ma kellux fondi bizzejjed sabiex jigi onorat il-kreditu rapprezentat fuq ic-cekkijiet. Ir-rapprezatant tal-bank, Bank of Valletta,fergha Zabbar, certu Georgine Portelli tispjega illi l-appellanti fetah dan il-kont bankarju bl-ammont ta' Lm40, liema ammont baqa' ghal diversi snin wiehed fiss minghajr ma saru ebda movimenti fih. Fil-fatt dan infetah it-18 ta' Dicembru 1996 u inghalaq mill-bank stess fis-16 ta' April 2003, meta il-bank irrealizza illi kienu qed jinhargu cekkijiet fuq dan il-kont meta ma kienx hemm fondi fih. Mitlub sabiex jirritorna ic-cekk book mill-bank, l-appellanti baqa' qatt ma ottempera ruhu ma din ir-rikjesta. F'okkazzjoni ohra jidher illi l-appellanti kien ghamel pagament billi iggira cekk intestat f'ismu allegatament mahrug favur tieghu minn certu Emanuel Aquilina li jixhed illi huwa qatt ma hareg dan ic-cekk favur l-appellanti billi fl-ewwel lok lanqas biss jafu u inoltre c-cekk book tieghu kien gie misruq u kien ghamel rapport ta' dan il-pulizija. Fil-fatt jichad illi l-kalligrafija li tidher fuq dan ic-cekk kif ukoll il-firma hija tieghu.

L-appellanti minn naha tieghu ma joffri l-ebda spjegazzjoni ghal dawn it-transazzjonijiet ghajr ghal fatt illi ighid illi fix-xoghol tieghu ta' kuntrattur spiss jithallas permezz ta' cekkijiet li imbaghad jiggrihom favur il-kredituri tieghu. Ighid illi huwa kellu flus kontanti biex ikun jista ihallas lill-allegati vittmi u li fil-fatt kien diga hallas ammont minnhom.

Illi l-appellanti qed jiffaccja akkuzi dwar frodi u r-reat minuri tal-frodi innominat. Jallega illi l-element intenzjonali sabiex jissussisti dan ir-

reat ma giex ippruvat u allura l-Ewwel Qorti erronjament sabitu hati ta' dawn l-akkuzi. Issa sabiex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".***

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….[1]"

Dwar l-element formali tar-reati ta' truffa l-Imhallef Guze Flores kellu dan xi ighid:

[1] 22 ta' Frar 1993, AppKrim Il-Pulizija vs Charles Zarb

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato[2]."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid

---

[2] Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004)

bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Affermati dawn il-principji gurisprudenzjali u legali ghandu jirrizulta illi huwa necessarju illi jigi ippruvat l-element ta'l-ingann fil-frodatur u dan fil-mument illi huwa ikun qieghed jaghmel il-maniggi tieghu sabiex jinganna lill-vittma. Issa kif gustament irriteniet l-Ewwel qorti f'dan il-kaz huwa indubbjament ippruvat illi l-appellanti kien ben konxju tal-fatt illi fil-kont bankarju tieghu ma kienx hemm fondi tant illi huwa fetah dan il-kont bl-ammont ta' Lm40 liema ammont baqa mhux mittiefes ghal diversi is-snin ghalkemm huwa baqa' jaghmel transazzjonijiet minnu. Fil-fatt f'dan il-kont bankarju jidher anke mill-istatements esebieti mir-rappresentant tal-bank illi qatt ma kien hemm movimenti fih u dan tul perijodu twil ta' seba' snin. Kwindi ma ghandux ikun hemm dubbju illi meta l-appellanti kien qed ihallas permezz ta' cekk mahrug minn kont bankarju fejn qatt ma gew iddepozitati flus fih tul medda twila ta' zmien illi huwa ma kellux intenzjoni jonora dawk ic-cekkijiet. Inoltre fir-rigward tac-cekk misruq proprjeta ta' Emanuel Aquilina, ghalkemm huwa minnu illi ma hemmx l-icken prova fl-atti illi l-appellanti kien involut fis-serq ta' dan ic-cekk book (fil-fatt ma hemmx akkuza f'dan is-sens), madanakollu dak li jafferma hu u cioe' illi huwa iggira dan ic-cekk mahrug a favur tieghu minn Aquilina sabiex ihallas lill-kredituri tieghu ma jistax jaghmel sens logiku billi huwa qatt ma

irceva ebda hlas minn ghand dan Aquilina, li isostni li lanqas biss jafu u li di piu' ic-cekk inhareg minn c-cekk book misruq. Kwindi din l-qorti ma tara l-ebda raguni valida u legali sabiex titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qortu u kwindi dan l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat.

Illi in kwantu ghal piena inflitta fuq l-appellanti ta' sentejn prigunerija, jidher illi din hija wahda ekwa u gusta li taqa' fil-parametri tal-ligi. Inoltre jidher illi l-appellanti huwa recidiv u kien diga gie misjub hati ta' reati simili. Kwindi piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija fic-cirkostanzi ma tistax tigi ikkontemplata.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"...The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. This is also the position in English Law. As stated in Blackstone's Criminal Practice 2004:**

**""Save where the statutory provisions mentioned below apply, there is no obligation on the judge to explain the reasons for his sentence. However, the Court of Appeal has encouraged the giving of reasons, and has indicated that that should certainly be done if the sentence might seem unduly severe in the absence of explanation...It has been held that failure by the sentencing court**

**to give reasons when required to do so does not invalidate the sentence...although the failure may no doubt be taken into account by the appellate court should the offender appeal. Where the sentencer does give reasons and what he says indicates an error of principle in the way he approached his task, the Court of Appeal sometimes reduces the sentence even though the penalty was not in itself excessive. Similarly a failure by the judge to state expressly that he is taking into account any guilty plea, although contrary to [statutory provision], does not oblige the Court of Appeal to interfere with what is otherwise an appropriate sentence..."**

**As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of**

**Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[3]"**

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005